# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa**

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



**A. Agħmel sing taħt it-tajba.**

1. Il-membri ta' grupp għandhom juru interess fil-membri l-oħra billi (jiġġieldu bejniethom, jisimgħu lil xulxin, jċedu meta jaqblilhom, jippikaw ma' xulxin).
2. Kull membru tal-grupp għandu d-dmir li meta jsiru l-laqgħat (jasal tard, imur jekk ikollu aptit, isir dak li jgħid hu, jattendi u jipparteċipa).
3. F'deżert sħun insibu ħafna (siġar, silġ, ilma, ramel).
4. Medda ta' art miksija b'ħafna ħaxix tissejjaħ (deżert, gżira, mergħa, pjazza).
5. Fil-foresta jikbru ħafna siġar u pjanti għax tagħmel ħafna (kesħa, sħana, xita, borra).
6. L-aktar annimal li kapaċi jivvjaġġa f'deżert sħun hu (ż-żiemel, l-ġemel, l-ħmar, l-iljunfant).
7. In-Normanni riedu jaħkmu lil Malta għax hi gżira (sinjura, bi klima sħuna, żgħira, f'nofs il-Mediterran).
8. In-Normanni ġew Malta minn (Franza, Sqallija, Spanja, Għawdex).
9. Meta l-Konti Ruġġieru wasal Malta kien hawn (l-Għarab, il-Kavallieri, l-Isqallin, l-Ingliżi).
10. Fi żmien in-Normanni, il-Ħâkem tal-gżira kienu jsejħulu (Prim Ministru, Qâdi, President, Re).

**(10 marki)**

**B. Ikteb <u>TAJJEB</u> jew <u>ĦAŻIN</u>.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Inħallu l-kelb tagħna jħammeġ it-triq. | ____________ |
| 2. | Naqsmu t-triq minn fuq l-istrixxi bojod u suwed. | ____________ |
| 3. | Nistennew biex naqsmu jekk id-dawl tat-traffiku jkun aħdar. | ____________ |
| 4. | Għandna ninżlu mill-karozza qabel ma tieqaf. | ____________ |
| 5. | Insemmu t-toroq għal xi persuna importanti. | ____________ |

**(5 marki)**

**Ċ. Poġġi l-kliem fil-kolonna t-tajba.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| qassis | Innu Malti | patrijott | it-Taljan | konfoffa | Żebbuġi |
| poeta | Franċiżi | kittieb | serq | Malti | xkubettjat |

| **Dun Karm Psaila** | **Dun Mikiel Xerri** | **Komuni għat-TNEJN** |
|---|---|---|
|  |  |  |
| ____________________ ____________________ ____________________ ____________________ | ____________________ ____________________ ____________________ ____________________ | ____________________ ____________________ ____________________ ____________________ |

**(12-il marka)**

**D. Min Jien?**

1. Nagħti l-kura lill-morda fid-dar, fi klinika u fl-isptar. ______________
2. Inżomm l-ordni u nara li kulħadd jobdi l-liġijiet tal-pajjiż. ______________
3. Nintgħażel b'votazzjoni min-nies bħala mexxej tal-lokalità. ______________
4. Immexxi n-nies tal-parroċċa u nressaqhom qrib ta' Ġesù. ______________
5. Immexxi l-pajjiż bil-għajnuna tal-membri parlamentari. ______________

**(5 marki)**

**E. (i) Imla l-vojt.**



1. Dan l-istrument tat-temp jissejjaħ ____________________. Dan juri kemm hi sħuna jew kiesħa l-arja fi gradi Celsius.

2.





**IT-TEMP ILLUM**

| | |
|---|---|
| **Temp** → | imsaħħab bil-ħalbiet tax-xita |
| **Riħ** → | moderat għal qawwi mill-Punent |
| ____________________ → | 13° Celsius |

**E. (ii) Aqta' sing taħt it-<u>TAJBA</u>.**

1. It-tabella turina li t-temp għal-lum se jkun (bnazzi, sħun, xemxi, kiesaħ).

2. Jekk se noħroġ barra għandi nilbes (*T-shirt*, *shorts*, ġakketta, nuċċali tax-xemx).

**(4 marki)**

**F. Daħħal dan il-kliem fil-vojt:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| fil-widien | is-silġ | jitqal | issaħħan |
| għall-ilma | jitla’ | jevapora | m’arja |





Ix-xemx ___________________ l-ilma. L-ilma ___________________ minn wiċċ il-baħar u l-għadajjar. Dan il-*water vapour* ___________________ ’l fuq u jinġabar fi sħab. X’ħin is-sħab ___________________ u jiltaqa’ ___________________ kiesħa, tagħmel ix-xita. Jekk it-temperatura tkun kiesħa ħafna, flok tinżel ix-xita jinżel ___________________.

Ħafna mix-xita li tagħmel f’Malta tispiċċa fil-baħar jew ___________________. Xi ilma jinxtorob mill-art.

F’Malta ma tagħmilx biżżejjed xita għalhekk irridu nibżgħu ___________________.

**(8 marki)**

**Ġ. (i) Ikteb ma’ liema festa hi marbuta din id-drawwa.**

| DRAWWA | FESTA |
|---|---|
| 1. Lejlet il-festa ssir purċissjoni bil-Bambin mis-Soċjetà tal-Mużew. | ___________________ |
| 2. F’xi rħula jiġru bl-istatwa ta’ Kristu Rxoxt. | ___________________ |
| 3. Toħroġ l-istatwa tal-qaddis jew qaddisa, waqt li jinħarqu l-murtali. | ___________________ |
| 4. Isiru wirjiet ta’ ħxejjex u frott. | ___________________ |

**(4 marki)**

**Ġ. (ii) Aqra din is-silta.**

"Ma, aħna qatt ma morna l-festa ta' l-Imnarja. Illum l-għalliema qaltilna ħafna dwar din il-festa. Inti qatt mort, ma?"

"Iva, meta kont iżgħar ġieli mort sa l-Imnarja. Din hija festa antika ħafna. Dari kienet ħafna aktar popolari mil-lum għax in-nies ma kellhomx wisq fejn jiddevertu."

"L-għalliema qaltilna li lejlet il-festa, fit-28 ta' Ġunju, imorru ħafna nies il-Buskett. Xi wħud imorru biex jisimgħu l-għana u oħrajn biex jaraw il-wirja. Ikun hemm ħafna ikel u xorb ta' kull xorta."

"Din is-sena nistgħu mmorru sal-Buskett għall-festa tradizzjonali ta' l-Imnarja. Żgur tkun ħarġa li kemm aħna kif ukoll iz-zijiet li ġejjin mill-Awstralja, nieħdu gost biha," spiċċat tgħid l-omm.

**1. Ikteb <u>VERU</u> jew <u>FALZ</u> dwar il-festa ta' l-Imnarja:**

a) L-Imnarja hija festa moderna. _______________

b) Fl-Imnarja ħafna nies imorru l-Buskett. _______________

ċ) F'din il-festa jieħdu sehem l-għannejja. _______________

d) Issir wirja tal-ħut. _______________

e) L-Imnarja niċċelebrawha fir-rebbiegħa. _______________

f) L-ikel tradizzjonali għal din il-festa huwa d-dundjan. _______________

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-Imnarja:**

a) Għaliex taħseb li l-festa ta' l-Imnarja kienet aktar popolari fl-antik?

_______________________________________________

_______________________________________________

b) Kif inbidlet il-festa ta' l-Imnarja minn dari għal-lum?
**Agħti eżempju wieħed**.

_______________________________________________

_______________________________________________

**(10 marki)**

**G. (i)**




Kristina kienet tħobb tisma' l-programm tat-tfal minn fuq ir-radju. Kienet toqgħod attenta ħafna waqt il-programm għax dejjem kienet titgħallem xi ħaġa ġdida.



Mhux l-ewwel darba li qabdet it-telefon u ċemplet biex tieħu sehem fil-kompetizzjoni. Darba rebħet ktieb sabiħ.



Il-preżentatur stedinha biex tmur taqra komponiment li kitbet hi stess. Dak inhar li marret, sħabha kollha tal-klassi semgħu l-programm. Wara l-programm xi tfal tħajru jiktbu komponiment huma wkoll.

1. Kristina tagħmel użu tajjeb mill-ħin meta tisma' r-radju? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

2. Għid kif Kristina saħħet il-ħbiberija tagħha ma' sħabha tal-klassi.

______________________________________________

______________________________________________

3. Liema mezzi jew modi ta' komunikazzjoni wżat Kristina f'din l-istorja?

a) ______________________

b) ______________________

ċ) ______________________

4. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet tajba li għamlet Kristina meta kienet tisma' l-programm fuq ir-radju.

a) ______________________________________

b) ______________________________________

**G. (ii)** Agħżel **TLIET MEZZI OĦRA** ta' komunikazzjoni.
Issemmix dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni li wżat Kristina.
**Ikteb kif kull mezz li tagħżel iressaqna lejn l-oħrajn.**














| **Mezz ta' Komunikazzjoni** | **Kif iressaqna lejn l-oħrajn** |
|---|---|
| **Eżempju: <u>Internet</u>** | **<u>Iwasslilna informazzjoni fi żmien qasir</u>.** |
| 1. ________________ | ________________________________________ |
| | ________________________________________ |
| 2. ________________ | ________________________________________ |
| | ________________________________________ |
| 3. ________________ | ________________________________________ |
| | ________________________________________ |

**(15-il marka)**

**GĦ.**

1. Fuq il-mappa, immarka **bl-isfar jew bit-tikek** il-**Portugal** u t-**Tuneżija**.

2. Ikteb **il-belt kapitali** ta' dawn iż-żewġ pajjiżi:

| PAJJIŻ | BELT KAPITALI |
|---|---|
| Portugal | ______________________ |
| Tuneżija | ______________________ |




3. Ħares lejn il-mappa. SITT ittri qed jimmarkaw **SITT pajjiżi**.
   Fil-vojt t'hawn taħt ikteb l-isem tal-pajjiż skond l-ittra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | ______________________ | B | ______________________ |
| Ċ | ______________________ | D | ______________________ |
| E | ______________________ | F | ______________________ |

**(12-il marka)**

**H. Ikteb ĦAMES sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:**

1. **Kif it-triq li noqogħdu fiha tlaqqagħna ma' nies oħra**
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: il-post fejn noqogħdu aħna, il-ġirien, familji oħrajn, nies li jagħtuna servizz, kif l-isem tat-triq jista' jfakkarna f'xi storja jew persuna)

2. **Passatempi ta' l-antik u kif dawn tbiddlu matul is-snin**
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: modi, għalfejn kellhom dawk il-passatempi biss, kemm u kif dawn tbiddlu jew ma tbiddlux)

3. **X'taf dwar it-tibdil li tara madwarek minn staġun għal ieħor**
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: kif tinbidel il-kampanja, il-ġurnata tiegħek u l-ilbies tiegħek)

4. **Kif timmaġina li kienet id-dinja miljuni ta' snin ilu**
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: kif mergħat inbidlu f'deżerti, foresti nbidlu f'mergħat, artijiet ingħaqdu u oħrajn infirdu)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**